ISMA' L-GĦANJA TAL-MILIED
Kunċertin għat-Tfal

kitba ta' Francesco Pio Attard

***

Jieħdu sehem:
Preżentatur 1
Preżentatriċi 2
Kor imdaqqas ta' tfal subien u bniet (tal-inqas 20)
Kantanta fuq il-kitarra jew xi strument ieħor

Ikun hemm bżonn:
Xenarju ta' kunċert tal-Milied
Kostumi tal-kor
Xemgħat
Ġesù Tarbija fil-maxtura (xi mkien prominenti)

Skont id-disponibbiltà tal-ħin, l-innijiet jistgħu jindaqqu sħaħ jew xi strofi minnhom, imma bla ma jitħalla barra r-ritornell.

***

Preżentatur 1: Sinjuri u Sinjuri… reġa' magħna Milied ieħor! Id-djar imżejna, l-ikliet ibbukkjati, ir-rigali mixtrija…

Preżentatriċi 2: Il-qlub imħejjija?… Faċli ħafna f'dan iż-żmien naħsbu f'kollox u f'kulħadd, imma ninsew min hi t-Tarbija ċċelebrata, il-Bambin Ġesù li suppost qed niffesteġġjaw u li tiegħu huwa dan il-Milied.

Preżentatur 1: Żgur li dan l-istaġun ta' ferħ, speċjalment għalina t-tfal, hu miżgħud b'sinjali li jfakkruna fit-tifsira vera tal-Festa tal-Milied.

Preżentatriċi 2: Għalhekk, din is-sena xtaqna nfakkrukom f'aspett wieħed li jakkumpanjana f'dawn iż-żminijiet imma ftit nagħtu kasu: l-Għanjiet sbieħ tal-Milied.

Preżentatur 1: Għanjiet tradizzjonali qodma, kanzunetti ġodda u moderni, *carols* ħelwin bl-Ingliż, diski bit-Taljan… u fuq kollox innijiet sbieħ bl-istess lingwa tagħna.

Preżentatriċi 2: Bil-Malti għandna ħafna għanjiet ħelwin li nkantaw hawn fil-knisja matul in-Novena u fi żmien il-Milied… Fihom ħafna sens… imma ftit li xejn qatt nieqfu nirriflettu fuqhom u fuq it-tagħlim sabiħ li jagħtuna dwar Ġesù Bambin.

Preżentatur 1: Għalhekk, biex żgur indaħħlukom fl-ispirtu veru Natalizju, għalikom, Sinjuri, il-Kunċert *Isma' l-għanja tal-Milied!*

Jidħlu t-tfal f'purċissjoni minn wara tal-knisja b'xemgħa f'idejhom u jkantaw **F'lejl ta' xitwa**.

Tifel 1: Dan l-innu li kantajna flimkien jirrakkonta bi kliem sempliċi l-ħajja kollha ta' Ġesù, ibda minn dak il-lejl kiesaħ f'Betlehem meta Marija wildet lil Ġesù Tarbija, sal-mewt tiegħu biex isalvana fuq is-Salib. Tul ħajtu, kif jgħidilna l-Appostlu Missierna San Pawl, l-Iben ta' Alla sar bħalna l-bnedmin f'kollox minbarra d-dnub.

Tifla 2: Bl-Ingliż dan l-innu jismu *Once in Royal David's City* u oriġinarjament inkiteb bħala poeżija li aktar tard ġiet adattata biex tkun parti minn ktieb tal-innijiet għat-tfal. Illum din hi waħda mill-aktar għanjiet famużi tal-Milied, għax biha jiftaħ is-servizz ta' *carols* u qari li għal dawn l-aħħar mitt sena wieħed mill-aqwa korijiet Ingliżi jagħmel fil-lejl tal-Milied, fil-Kappella tal-Università ta' Cambridge, l-Ingilterra.

Tifel 3: Imma intom kontu tafu li l-għanjiet tal-Milied ilhom jeżistu iktar minn kemm aħna l-Insara ilna niċċelebraw il-Milied? Aktarx l-eqdem *carol* tmur lura għas-sena 129 wara Kristu! Għanja oħra qadima ħafna u fost l-aktar popolari hi *Ninġabru, ja Nsara*. Il-kliem tagħha aktarx inkiteb mir-Re tal-Portugall xi tmien mitt sena ilu… u l-oriġinali hu bil-Latin, għalkemm illum issibha f'kull lingwa. U ħa ngħidilkom, ma teqdiem qatt, u ma tixba' qatt tkantaha…

Titkanta ***Ninġabru, ja Nsara****.*

Tifla 4: Nistħajluna aħna wkoll, mar-ragħajja ferħana, sejrin inħaffu lejn l-Għar ta' Betlehem biex naraw lill-Messija li ħabbru l-profeti u missirijietna tant stennew.

Tifel 5: Hekk fil-fatt tirrakkonta l-għanja *Noel, Noel*. Din teħodna lura lejn it-Testment il-Qadim, fejn sa mill-ewwel ktieb, dak tal-Ġenesi, smajna minn fomm Alla l-wegħda li jibgħatilna Feddej, Kristu l-Mulej. Ismu stess, Għimmanuel, kif jissejjaħ mill-Profeta Iżaija, ifisser li Alla mhux imbiegħed minna, imma f'Ibnu Ġesù jinsab għal dejjem fostna u magħna.

Tifla 6: Nistedinkom toqogħdu attenti għal kemm nies mill-Bibbja jissemmew f'din l-għanja, minn Adam u l-Patrijarki sa Marija u Ġużeppi, il-ġenituri ta' Ġesù.

Titkanta ***Noel, Noel****.*

Tifel 7: Għal sekli sħaħ il-poplu Lhudi stenna l-miġja tas-Salvatur. Sakemm fil-milja taż-żminijiet, kif naqraw tant tajjeb fil-Bibbja, Alla bagħat lil Ibnu mwieled minn xebba mnissla bla ħtija, jisimha Marija. It-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa ħalliet is-Sema u libset il-ġisem fqajjar tagħna l-bnedmin…

Tifla 8: U dan kollu għall-imħabba tagħna, kif tirrakkonta din l-għanja ħelwa Taljana, li forsi ftit jafu li nkitbet minn isqof li għex fuq tliet mitt sena ilu u llum hu qaddis kbir: San Alfons Maria de Liguori. Jekk tgħarbilha sew, din l-għanja tidher li miktuba biex titkanta fil-kampanja mir-ragħajja, bi strumenti tradizzjonali tad-daqq li aħna ssellifna mill-ġirien Taljani, bħaż-żaqq, it-tambur, iż-żummarra u ż-żafżafa.

Titkanta ***Ħallejt, o Alla, is-Sema****.*

Tifla 9: Kemm hemm kliem sabiħ f'dawn l-innijiet, meta toqgħod tirrifletti fuqhom!

Tifel 10: Kemm kienu kapaċi dawk li qalbuhom għall-Malti, għandek tgħid! Għalkemm il-kliem differenti mit-Taljan, xorta waħda mimli tagħlim fuq l-Inkarnazzjoni, jiġifieri meta Alla sar bniedem!

Tifla 11: U l-espressjonijiet li jużaw! Il-kwiekeb triegħdu xħin raw lit-Tarbija Divina fuq dak il-ftit tiben f'maxtura!

Tifel 12: Għax is-Sultan tas-Slaten ma twelidx f'xi palazz irjali mimli ġojjelli u lbies fin, imma f'għar tal-bhejjem, għan-nifs sħun ta' baqra u ħmara. U xħin wilditu, ommu poġġietu f'dak il-post li minnu jieklu l-annimali, biex hekk anki Ġesù, issa, isir ikel għalina l-bnedmin.

*Titkanta **Fuq tiben f'maxtura**.*

Tifla 13: Dan hu li tlabnieh lil Ġesù f'dan l-innu bi kliem tassew kbir: "O, ejja f'din qalbi, hawn ġew, ħa tistrieħ"! Mir-reżħa u l-faqar ta' dak l-għar, nixtiquh jiġi joqgħod fil-qalb tagħna, fejn jiena ċerta li lkoll qed inħejjulu post sħun, mimli bl-imħabba li għandna għalih.

Tifel 14: Għax il-Milied veru ma jkunx meta niċċelebraw il-25 ta' Diċembru u nieqfu hemm. Timliena kemm timliena bil-ferħ din il-festa, Ġesù jrid li l-Milied veru jseħħ ġo fina, fil-ħajja tagħna, meta nħalluh jidħol jgħammar magħna biex bħalu nsiru bnedmin li kapaċi jħobbu u jaqdu lil xulxin. Ejjew nitolbuh dan bil-kliem ta' dan l-innu.

*Titkanta **O Ġesù ħelwa tarbija**.*

Tifla 15: Nittamaw li bħalna llejla qed jirnexxielkom tiggustaw il-ġmiel ta' kliem u mużika ta' dawn l-għanjiet tal-Milied! Għandna nħossuna xxurtjati li għandna din l-għażla kollha u mhux li kien nibdew inkantawhom iżjed…

Tifel 16: Nistgħu ngħidu li l-knisja ċkejkna tagħna llejla nbidlet f'palk tal-ġenna, f'kompetizzjoni mal-anġli biex b'leħinna nagħtu ġieħ lil Ġesù Bambin.

Tifla 17: Imma ma nistgħux ninżlu minn hawn illejla u ma nirrakkontawlkomx farka l-istorja ħelwa tal-għanja *O lejl ta' skiet*, li żgur m'għandha bżonn tal-ebda introduzzjoni!

Tifla 18: Jingħad li għall-Milied tas-sena 1818, sewwasew mitejn sena ilu, l-orgni tal-knisja ta' San Nikola fir-raħal ċkejken Awstrijakk ta' Oberndorf għamel il-ħsara. Kien hemm min qal li l-ġrieden gerrmulu l-pompa! Dahru mal-ħajt u ħosbien kif se janima bil-kant il-lejl tal-Milied, il-Viċi Parroku Dun Joseph Mohr ġera għal għand ħabibu d-Direttur tal-Kor Franz Gruber biex ifittex jiktiblu għanja li tkun tista' tindaqq bil-kitarra.

Tifel 19: U hekk twieldu dawn is-sitt strofi tad-deheb li llum id-dinja kollha tafhom: jitkantaw b'mijiet ta' lingwi, u nstemgħu minn miljuni ta' nies, mill-iċken knejjes bħal tagħna għall-akbar katidrali.

Tifla 20: Inżommu t-tradizzjoni aħna wkoll, u għalkemm għad fadal ftit jiem oħra għal-Lejl tal-Milied, ejjew ngħixu l-esperjenza ta' dik il-ħemda li fiha l-Iben ta' Alla sar bniedem.

*Titkanta **O Lejl ta' Skiet**.*

Preżentatur 1: Il-Kunċert tagħna *Isma' l-għanja tal-Milied* wasal fi tmiemu.

Preżentatriċi 2: Għanjiet tal-Milied hemm biżibillju, imma almenu xtaqna ndewqukom għażla minnhom, bix-xewqa li meta tisimgħuhom u tkantawhom, idduqu l-benna tat-tagħlim li fihom u titolbu man-noti tagħhom.

Preżentatur 1: U kantaw ta! Tħallux lill-qassis jew lil min ikun idoqq ikanta waħdu. Ġesù tgħaxxaq bl-għana ħlejju tal-anġli jkantaw "Glorja" fuq l-għar ta' Betlehem, u żgur jagħmlu ferħan il-kant tagħna f'dan iż-żmien għażiż.

Preżentatriċi 2: Ħallejna għall-aħħar għanja li hi kollha kemm hi tagħna l-Maltin. Għanja tradizzjonali Maltija. Kulħadd jafha bħala *Ninni, la tibkix iżjed*, imma l-isem oriġinali tagħha kien *Il-Benniena ta' Ġesù Bambin*. Inkitbet fl-1864 mill-Patri Ġiżwita Indrì Schembri, minn Ħal Luqa, għall-emigranti Maltin ta' Tunes, li mqar jekk bogħod minn art twelidhom, xtaqu jibqgħu jħossu l-ferħ tal-Milied kif iċċelebrat f'pajjiżna.

Preżentatur 1: Din l-għanja hi 'tħannina', bl-Ingliż *lullaby*, jiġifieri għanja ta' serħan li l-omm tkanta lit-tarbija biex traqqadha ħelu ħelu. Ejjew nimmaġinaw għal ftit ħin li ma' Marija, Ġużeppi u r-ragħajja fqajra ninsabu lkoll fil-presepju miġbura madwar il-maxtura ta' Ġesù Tarbija, u nkantawlu bil-qalb…

Titkanta ***Ninni, la tibkix iżjed*** *waqt li t-tfal bil-mod il-mod jersqu bix-xemgħa f'idejhom quddiem Ġesù Bambin u jpoġġuha madwaru b'att ta' qima.*

Milied 2018

INNIJIET

F'lejl ta' Xitwa

F'lejl ta' Xitwa ġewwa Betlem,
f'kesħa kbira, f'għar miftuħ,
daħlet Omm u wildet Iben,
qalb il-bhejjem li saħħnuh.

Din l-Omm fqajra hi Marija,
u Ġesù dik it-Tarbija.

Huwa ġie mis-Sema fostna:
ħalla l-kobor, ħalla l-ġid.
Għex fil-faqar, fit-tbatija,
ried jinħeba l-aqwa Sid.

Qalb il-foqra u l-imsejknin,
magħhom kien Ġesù ħanin.

Bħalna beka, bħalna feraħ,
waqt li għex fost il-bnedmin.
Mat-triqat fejjaq u għallem
il-ħabib tal-maħqurin.

Ħajtu kollha fit-tiġrib,
f'mewtu wkoll fuq is-salib.

Ninġabru, ja Nsara

Ninġabru, ja Nsara,
bl-akbar ferħ u ħeġġa
ħa mmorru, immorru
sa Betlehem.
Hemm Iben Alla
f'għar naraw imwieled.

Ninxteħtu fl-art bil-qima,
ninxteħtu fl-art bil-qima,
ninxteħtu fl-art bil-qima,
nadurawh.

Lil Alla minn Alla,
Dawl mid-Dawl ta' dejjem
ġiebet ix-xbejba
ta' Nazareth.
Dan tassew Alla,
Sid ta' l-art u s-Sema.

Ninxteħtu fl-art bil-qima…

Ir-rgħajja ferħana
lejn l-għar marru jiġru,
jgħannu u jġorru
r-rigali.
Magħhom ningħaqdu,
noffru l-qlub tagħna.

Ninxteħtu fl-art bil-qima…

Noel, Noel

Ġa kien wasal iż-żmien
li jitwettqu l-wegħdiet,
u kulħadd kien jistenna
l-jum tal-Milied.

Alla wiegħed Feddej
li s-serp jisħaq bl-għarqub
meta Adam ġewwa l-Għeden
tebbagħna bid-dnub.

Noel, Noel, Noel, Noel…
Twieled ir-Re ta' Iżrael.

Bħal Iżakk kien offrut,
daqs Ġużeppi mibjugħ,
bħal Mosè mill-eżilju
ġie jsalva kull ruħ.

U Danjeli b'ferħ kbir
kien ħabbrilna l-jum,
Isaija: "Imnissel
minn David ikun".

Noel, Noel…

Kristu twieled biex jgħaqqad
il-ġnus mifrudin,
iħabbibhom ma' Alla
u jagħmilhom henjin.

Glorja 'l Alla kull ħin,
paċi fl-art lill-bnedmin,
ma' Marija u Ġużeppi,
mal-ħbieb qaddisin.

Noel, Noel…

Ħallejt, o Alla, is-Sema

Ħallejt, o Alla, is-Sema
biex tgħix fost il-bnedmin;
sirt bniedem wieħed minna
biex tifdi lill-ħatjin. (x2)

O Bambin ċkejken, ħelwa tarbija,
ejja eħlisna mill-għajb tal-ħtija.
O Alla ta' ħniena!
Minn kemm tbatija għaddejt
minħabba dawk li fdejt! (x2)

Lemħuk u triegħdu l-kwiekeb
x'ħin rawk tarbija f'għar,
imqiegħda fuq ftit tiben
bħall-ifqar fost il-fqar. (x2)

W iddew bil-qawwa biex bl-isbaħ dija
juru ħlewwietek 'l ommok Marija.
O, magħha ħallina
f'dirgħajna nbennuk,
ma' qalbna nħaddnuk. (x2)

Għaliex, o Bambin ċkejken,
m'hawn xejn fil-għar għalik?
M'hawn lanqas xiber xoqqa
biex ommok bih tgħattik. (x2)

Għax ridt mill-frugħa ta' l-art tifdina
u lejk bl-imħabba tal-qalb tiġbidna.
O Alla, x'imħabba!
X'imħabba tas-Smewwiet
li tfawwar bil-barkiet! (x2)

Fuq tiben, f'maxtura

Fuq tiben, f'maxtura, fost bhejjem,
ġo għar,
imgeżwra fi bċejjeċ ta' ħrieqi wisq fqar,
hemm ċkejkna tarbija ta' ħlewwa bla qies,
ta' ħlewwa tas-Sema, li tgħaxxaq in-nies.

Min ġiegħlek, tarbija, titwieled hawnhekk,
biex tibda minn issa tinħaqar daqshekk?
Kif ebda qalb waħda ma nstabet li tħenn,
biex f'rokna ta' kmajra toffrilek ftit kenn?

O, ejja f'din qalbi, hawn ġew, ħa tistrieħ,
ħa tisħon mir-reżħa u tinsa l-uġigħ.
Din qalbi wisq tħobbok, o ħelu Bambin;
wisq tħobbok u tgħożżok, bik mgħaxxqa
kull ħin.

O Ġesù, ħelwa tarbija

O Ġesù, ħelwa tarbija,
ejja twieled ġewwa fija.
Ġesù tfajjel, frott l-imħabba,
twieled f'qalbi, miegħi trabba.

O Ġesù, ħelwa tarbija…

O Re ħelu ta' l-imħabba,
il-qalb tiegħi bik tixxabba';
Ejja, o Alla, Feddej tiegħi,
istrieħ f'qalbi, oqgħod miegħi.

O Ġesù, ħelwa tarbija…

Kemm int ħelu, Ġesù tiegħi!
Kemm nixtieq inħaddnek miegħi!
Ħarstek ħelwa tiddi b'dija
li l-qalb tiegħi b'ferħ timliha.

O Ġesù, ħelwa tarbija…

Ġesù ħelu, kemm inħobbok,
bl-akbar għożża qalbi żżommok!
Il-qalb tiegħi ħeġġiġħieli,
ħudha kollha, qaddishieli.

O Ġesù, ħelwa tarbija…

Narak tninni f'dik in-nieqa
ninsa għal kollox kollha d-diqa,
nistħajjilni ġa fil-Ġenna
bik nitgħaxxaq u nithenna.

O Ġesù, ħelwa tarbija…

O lejl ta' skiet

O lejl ta' skiet, lejl tal-Milied,
lejl għażiż, lejl qaddis!
Dawlet is-sema l-kewkba li ddiet,
ħabbret li l-fidwa tal-bniedem inbdiet.

Kristu hu mħabba bla qies!
Kristu hu mħabba bla qies!

O lejl ta' skiet, lejl tal-Milied,
lejl ħanin tal-Bambin!
Instama' l-għana li ġej mis-Smewwiet,
l-għana ta' l-anġli li fih il-kelmiet:

Glorja lil Kristu f'kull ħin!
Glorja lil Kristu f'kull ħin!

O lejl ta' skiet, lejl tal-Milied.
Ġriet l-aħbar li fil-għar
twieled fil-faqar ir-Re tar-rejiet;
ġara kif Alla kien wiegħed u ried.

Il-kbir miraklu kien sar!
Il-kbir miraklu kien sar!

Ninni, la tibkix iżjed

Ninni, la tibkix iżjed,
ninni, Ġesù Bambin,
ħallih għalina l-biki
għax aħna midinbin.

Ejjew, ejjew, ja anġli
mis-Sema, mija, mija,
ħdejn Alla li ħalaqkom,
Bambin ġewwa l-fisqija.

Ninni, la tibkix iżjed…

Ejjew, taraw b'għajnejkom
lil Alla kbir tal-ħniena,
Bambin sabiħ u ħelu
jninni ġo benniena.

Ninni, la tibkix iżjed…

Ejjew, araw, o rgħajja,
f'kemm faqar, f'kemm tbatija
is-Sid ta' kollox twieled,
Bin Alla, il-Messija.

Ninni, la tibkix iżjed…

Ejjew, kbarat tad-dinja,
ejjew mingħajr kburija,
araw kif Alla Sidna
ċċekken, sar tarbija.

Ninni, la tibkix iżjed…

Sar bniedem, sar tarbija
biex jiġbed il-qlub tagħna,
biex bl-aqwa ġid tas-Sema
henjin bla qies jarana.

Ninni, la tibkix iżjed…